MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1819/1995/1

***Mario Galea et.***
***Vs***
***Francis Said et.***

Illum 16 ta' Jannar 2003

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-atturi fis-07 ta' Novembru, 1995 li in forza taggha wara li ppremettew illi l-genituri ta' l-atturi kienu proprjetarji ta' xarabank bin-numru ta' registrazzjoni Y-1324 (illum Y-0623).

Ippremettew illi l-genituri ta' l-attur mietu u skond it-testment taghhom huma hallew bhala eredi universali taghhom lil uliedhom fi kwoti ndaqs bejniethom kif jirrizulta mill-annessi ricerki testamentarji u mit-testment relattiv.

Ippremettew illi wara l-mewt ta’ omm l-atturi l-konvenut Martin Galea ttrasferixxa u biegh lill-konvenuti l-ohra ix-xarabank Y-1324 (illum Y-0623) u l-permess relattiv ghall-gestjoni ta’ l-istess u dan permezz ta’ skrittura privata datata 02 ta’ Settembru 1982.

Ippremettew illi dan it-trasferiment huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi u dan stante illi kien jappartjeni lil wirt tal-genituri ta’ l-atturi u kwindi ma setax isir ghajr bil-kunsens taghhom essendo li huma kienu l-eredi ta’ l-istess wirt.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li ghar-ragunijiet fuq premessi, t-trasferiment tax-xarabank Y-1324 (illum Y-0623) u l-permess relattiv ghall-gestjoni ta’ l-istess huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

2. Tordna, konsegwentement, ir-rexissjoni ta’ l-iskrittura tat-02 ta’ Settembru 1982 maghmula bejn il-konvenuti rigward l-istess xarabank.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni u b’riserva ghal kwalsijasi azzjoni ohra spettanti skond il-ligi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ippresentata mill-konvenuti li fiha eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma nfondati kemm fid-dritt u fil-fatt billi l-iskrittura privata datata 02 ta’ Settembru 1982 dwar il-bejgh tax-xarabank bin-numru Y-1324 (illum Y-0623) kienet saret mill-konvenut l-iehor Martin Galea li fuqu kien irregistrat dan ix-xarabank u ghalhekk din l-iskrittura hija wahda valida skond il-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi bi skrittura li ggib id-data tat-02 ta' Settembru 1982 u iffirmata quddiem in-Nutar Joseph R. Darmanin, il-konvenut Martin Galea biegh lill-konvenuta Teresa Said ix-xarabank numru Y-1324, u dana bil-prezz ta' LM 1200. A tenur ta' din l-iskrittura, il-venditur obbliga ruhu illi jaghmel dak kollu li hu mehtieg ghat-transfer tal-karozza. Dan it-transfer ghadu ma sarx sallum, ghalkemm il-konvenuta Teresa Said kellha u ghad ghandha l-pussess ta' dan ix-xarabank jew ahjar tal-pjanci ta' din il-vettura li kienet giet skrapjata. Il-konvenuta u zewgha, fil-fatt, ressqu kawza kontra l-konvenut Martin Galea (citazzjoni numru 984/00) fejn qed jitolbu li dan jersaq ghat-trasferiment tal-permess tal-vettura ghal fuq isimhom. Fil-frattemp, pero`, hut Martin Galea, Mario u Albert ahwa Galea, fethu din il-kawza fejn qed jitolbu r-rexissjoni tal-iskrittura tat-02 ta' Settembru, 1982, fuq ir-raguni li dik ix-xarabank ma kienetx tappartjeni kollha kemm hi lill-venditur Martin Galea, izda kienet tappartjeni lit-tlett ahwa flimkien, bhala werrieta ta' ommhom, Felicia Galea, li mietet fil-15 ta' Gunju, 1982. Huma qed jallegaw li t-trasferiment in kwistjoni kien jehtieg il-kunsens taghhom, bhala eredi ta' ommhom, u la dan ma inghatax, it-trasferiment ghandu jitqies li hu null u bla effett.

Ghandu jinghad, mill-ewwel, li l-atturi mhux qed jitolbu r-rexissjoni tal-kuntratt fuq il-bazi ta' vizzju tal-kunsens jew nuqqas ta' kapacita`, liema azzjoni, f'kull kaz, ma kienetx tispetta lilhom, izda lil dak il-kontraenti li kien inkapaci jew kellu l-kunsens tieghu vizzjat. L-atturi qed jghidu li l-iskrittura hi nulla ghax huma ko-propjretarji tax-xarabank in kwistjoni u din giet mibjugha minghajr il-kunsens taghhom.

Din il-premessa, pero`, li l-vettura in kwistjoni kienet tat-tlett ahwa flimkien, ma ssibx konfort mill-atti tal-kawza. L-

attur Mario Galea stess jammetti li l-permess tal-vettura kien fuq isem ommu u li din, qabel ma mietet, bieghet il-permess lill-huh, Martin. Id-dokument esebit a fol. 32 tal-process jikkonferma li din il-vettura kienet registrata fuq isem Felicia Galea u li din, eventwalment, bieghet din il-vettura lill-binha Martin Galea. Dan hu dokument mahrug mill-Licensing and Testing Department fil-Ministeru ghat-Trasport, Kommunikazzjoni u Teknologija, u mehud kont li, dak iz-zmien, bejgh ta’ vettura kienet tirrikjedi skrittura u registrazzjoni tan-negozju ma dak id-Dipartiment, dak id-dokument jikkonferma li l-bejgh kien sehh fir-realta`.

L-iskrittura ta’ bejgh kienet datata 24 ta’ Awissu, 1978, u kopja taghha tinsab esebita a fol. 74 tal-process. Din l-iskrittura hija iffirmata kemm minn Felicia Galea u kemm minn binha, Martin, u ta’ l-ewwel tiddikjara formalment li *I have sold my Bus Reg. No. 2851 Bedford and its relative licence to Mr Martin Galea*. L-ufficjal tat-Trasport Pubbliku jikkonferma li x-xarabank meritu ta’ din il-kawza, wara dak it-transfer, giet registrata fuq isem Martin Galea. Sa meta xehed dan l-ufficjal, dan ikkonferma li l-bus, sa mill-1978, baqghet registrata fuq isem dan Martin Galea.

Mill-premess isegwi li l-bus kienet ta’ Martin Galea meta iddispona minnha, u mhux ta’ ommu. Kwindi meta l-ahwa Mario u Martin Galea xehedu li, wara l-mewt ta’ ommhom, il-bus saret tal-ahwa, ma kienux qed jirrispekkjaw ir-realta`. Din il-Qorti mhux ser tidhol fl-iskop ta’ ghaliex l-omm bieghet il-bus lil binha Martin; jista’ jkun li ghamlet hekk peress illi, dak iz-zmien uliedha Mario u Albert kienu emigrati lejn l-Ingilterra u l-Awstralja rispettivament, u ma rieditx li, wara li tmut hi, dawn jippretendu xi sehem fuq ix-xarabank li kien qed juzah binha Martin, l-uniku wiehed minn uliedha li baqa` maghha. Hi x’inhi, dak it-trasferiment ma gie impunjat minn hadd, u hadd mill-atturi ma jidher li impunja dak it-trasferiment bhala leziv tad-drittijiet tieghu bhala werriet.

Fid-data tal-iskrittura meritu ta’ din il-kawza, ix-xarabank in kwistjoni kienet, allura ta’ propjeta ta’ Martin Galea. Meta xtara l-vettura fl-1978, dan, pero`, obbliga ruhu li ma jergax jghaddi l-bus lill-terzi jekk mhux bil-kunsens ta’

ommu (fol. 72 tal-process). Apparti l-validita` ta’ din l-iskrittura (ghax li tbiegh propjeta lil xi hadd bil-patt li dan ma jbieghx l-istess oggett lill-haddiehor minghajr il-kunsens tal-venditur, jirisali mill-fidi kommess, li hu projbiet mill-ligi), ma jidhirx li din l-obbligazzjoni ghandha n-natura li torbot it-terzi. Lanqas privileggi fuq mobbli ma jibqghu isegwu l-oggett (hlief f’kazijiet eccezzjonali, bhala dak kontemplat fl-artikolu 2009 (e) tal-Kodici Civili), u bhala regola, kull min jixtri u jiehu l-pussess ta’ oggett mobbli in buona fede, isir il-propietarju tal-istess. Dan il-principju hu sancit fl-artikolu 558 tal-Kodici Civili u hu mahsub biex jifacilizza c-cirkulazzjoni ta’ effetti mobbli. Dik l-obbligazzjoni ittiehedet minn Martin Galea fil-konfront ta’ ommu (u issa, wara l-mewt taghha, favur il-werrieta taghha), izda ma twassalx ghan-nullita` tan-negozju li jsir bi ksur ta’ dik l-obbligazzjoni meta l-parti l-ohra tkun in buona fede. L-obligazzjoni li assuma Martin Galea ghandha biss in-natura ta’ obligazzjoni personali li jekk jagixxi bi ksur taghha, tesponieh ghad-danni, izda mhux li l-att innifsu jithassar (ara Ricci, “Diritto Civile”, Vol. II pagna 333 para. 274; u “Falzon vs Decesare”, deciza minn din il-Qorti fis-16 ta’ Ottubru 1996). Anke weghda ta’ bejgh ta’ immobli tohloq biss obbligazzjoni personali li ma tinvalidax il-bejgh li l-venditur jaghmel lill-terz – eccetto r-rimedju bl-*actio paoliana* f’kaz li jirrizulta frodi.

F’dan il-kaz, ma jirrizultax li x-xerrejja tax-xarabank kellha xi hjiel li kienet tezisti dik il-kundizzjoni; il-buona fede skond l-artikolu 532 tal-Kodici Civili, hu prezunt, u min jallega l-kontra jrid jipprovah. F’dan il-kaz din il-prova ma saretx. Mhux biss il-venditur u missieru kkonfermawlha li x-xarabank kienet ta’ Martin Galea, izda l-licenzja tal-vettura kienet fuq isem Martin Galea, u c-certifikat tal-vettura (maghruf komunement bhala l-log book), ukoll jindika li sid il-vettura kien Martin Galea. Fuq dawn id-dokumenti ufficcjali ma kien hemm ebda indikazzjoni l-bejgh tal-vettura kien limitat u x-xerrejja, jew ahjar, zewgha bhala l-prokuratur taghha, ma giex infurmat b’dik il-kundizzjoni biex forsi, jara kif jirregola ruhhu (dejjem assunendo li dik il-kunizzjoni hi valida).

Minn dan kollu, allura, jirrizulta li ghat-terz, il-vettura in kwistjoni kienet tghajjat lill-Martin Galea, u dana, bhala propretarju taghha, seta jiddisponi minnha bil-forma li riedet il-ligi dak iz-zmien, u cioe`, bil-kitba, kif fil-fatt ghamel. L-ostakolu ghall-validita` ta' dan il-bejgh sollevat mill-atturi (cioe`, li huma ko-proprietarji tal-vettura) ma jreggix u mhix sorretta bil-provi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn din il-kawza, billi previa li tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Said, tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kollha tal-kawza jkunu a karigu ta' l-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------